# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 20**

**Avviz numru 402/99/SM**

**Melita Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikuratrici taghha Filipina Aguilar u l-istess Filipina Aguilar**

**vs**

**Elvin Barbara**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fit-**

**30 ta' Gunju, 1997 f'Triq Merhba/Triq San Xmun;**

**2. Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici et fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu, (LM684.96.0) kif ukoll is-somma ta' LM150 bhala access mhallsa mill-attrici Filipina Aguilar, jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;**

**3. Ikkundannat il-konvenut illi jhallas lis-socjeta' attrici et dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentazzjoni ta' dan l-avviz;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. In linea preliminari, is-socjeta' attrici Melita Insurance Agency Limited ghandha tipproduci s-surroga li bis-sahha taghha qed tagixxi f'din il-kawza;**

**2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, it-talba attrici ghandha tkun michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-6.00 p.m. fl-inkrocju bejn Triq San Xmun u Triq Merhba f'Rahal Gdid;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni HAB-275 misjuqa minn Filipina Aguilar li kienet qed issuq go Triq San Xmun ghall-go Triq Merhba, u dik tal-marka Ford Mini van bin-numru ta' registrazzjoni Y-2252 (M), illum HNY-252, misjuq minn Elvin Barbara li kien qed jipprocedi fi Triq Merhba;**

**3. Illi meta z-zewg vetturi wasslu fl-inkrocju bejn iz-zewg toroq fuq indikati sehh l-incident;**

**4. Illi d-danni allegatament sofferti mill-attrici gew regolarment ipprovati;**

**Ikkonsidrat:**

**1. Illi l-attrici ssostni li meta wasslet fl-inkrocju de quo hi waqqfet, harset lejn il-lemin u x-xellug taghha, u meta ma rat lil hadd gej saqet ftit il-quddiem peress li allegat li kien hemm truck kbir ipparkjat fuq il-lemin taghha, giet il-mini van tal-konvenut b'velocita' eccessiva u sehh l-incident;**

**2. Illi l-konvenut isostni li meta hu kien ghaddej fi triqtu go Triq Merhba l-attrici dahhlet fih minn Triq San Xmun;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn analizi ta' l-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi Triq San Xmun tisbokka fi Triq Merhba;**

**2. Illi ghalkemm il-qorti kkoncediet zmien abbundantement adegwat biex il-partijiet jivverifikaw jekk fl-inkrocju de quo kienx hemm "Stop Sign" minn Triq San Xmun ghall-Triq Merhba, ma rrizulta xejn konklussiv;**

**3. Illi l-vettura ta' l-attrici qegheda f'parti ta' Triq San Xmun li ma kelliex tkun fiha biex taghmel il-manuvra taghha u taccedi ghal Triq Merhba;**

**4. Illi ma jirrizultax li kien hemm vetturi pparkjati fil-post ta' l-incident;**

**5. Illi l-konvenut ma jirrizultax li kien mixi b'velocita' eccessiva;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minghajr ma tidhol fil-meritu jekk Triq San Xmun hix triq sekondarja ghal Triq Merhba din il-qorti hi sodisfatta mill-kumpless kollu tal-provi prodotti li l-konvenut kien qieghed isuq regolarment u fi triqtu;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li ghar-ragunijiet fuq esposti tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**